# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2022**

**Talba Nru: 100/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Futura Company Limited (C 4965)**

**Vs**

**Sierra Stationery & Book Shop Ltd (C 75553)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2020, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta iħallashom s-somma ta' erba' mija, ħamsa u tmenin Ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€485.94c) rappreżentanti ħlas ta' merkanzija u dan kif aħjar deskritt fl-istess Avviż[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri u l-imgħax kummerċjali;

Ra d-dokumenti anness mal-istess Avviż[2];

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Bejn fol 2 u fol 12 tal-proċess.

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[3];

Ra li s-soċjetá konvenuta, debitament notifikata[4], naqset milli kemm tirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u milli tressaq risposta formali. B'hekk ġiet dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċja[5];

Sema' x-xhieda ta' Noel Zerafa[6];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, is-soċjetá konvenuta f'dawn il-proċeduri naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċjà.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[7].

---

[3] A fol 20 tal-proċess.

[4] Permezz tal-proċedura t'affissjoni u pubblikazzjoni.

[5] Verbal tal-10 ta' Marzu 2022.

[6] Magħmula kemm fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022 (iżda din ma ġietx traskritta għaliex is-sistema elettronika falliet) u dik tal-11 ta' Mejju 2022 liema xhieda tinsab a fol 53 *et seq* tal-proċess.

[7] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

Illi mix-xhieda ta' Noel Zerafa, li huwa s-sid u *l-managing director* tas-soċjetá attriċi, jirriżulta li l-istess soċjetá kienet biegħet prodotti, ċioé kartolini, lis-soċjetá konvenuta iżda din naqset milli tħallas diversi konsenji. L-istess xhud ikkonferma wkoll d-diversi fatturi li ngħataw lis-soċjetá konvenuta ma kull kunsinna ta' prodott. Ġie kkonfermat ukoll li mill-ammont dovut għadu ma tħallas xejn.

Illi għalhekk it-Tribunal iqis li għandu jilqá t-talba kif dedotta, u dan ukoll fir-rigward tal-imgħax kummerċjali a tenur tal-artikolu 26Ċ(3)(a) tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex mid-dokumenti eżebiti jirriżulta ċar lis-soċjetá konvenuta rċeviet l-istess fatturi.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u għalhekk jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lill-istess soċjetá attriċi l-ammont ta' erba' mija, ħamsa u tmenin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€485.94c) bl-imgħax kummerċjali kif mitlub u ċioé tletin ġurnata minn kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur